# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors. Nru.: 7/97

Saviour Fenech

vs

Direttur Generali tal-Qrati

Illum 25 ta’ Novembru, 1997.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih r-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta` Mejju, 1987 u l-15 ta` Mejju, 1995, huwa sofra ingustizzja fis-sens illi huwa dejjem gie mitlub li jaqdi dmirijiet fil-Qrati tal-Gustizzja f`xoghol ta` natura amministrattiva li huwa ferm aktar oghla mid-doveri li huwa suppost li jaghmel, izda peress li l-amministrazzjoni tal-Qorti sabitu

dejjem tajjeb ghal dan ix-xoghol, kien qieghed jigi mitlub li jaqdi dmirijiet li jeccedu l-gradi li kellu;

Illi il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej :-

Illu huwa ilu impjegat mal-Gvern ta` Malta mit-23 ta` Lulju, 1979 fejn beda bhala Labourer Group A u dan peress li qabel kien jahdem ma` Dirghajn il-Maltij u kien dejjem ippustjat mid-9 ta` Awissu, 1978 `il quddiem fil-Qrati ta` Gustizzja fil-Cash Office.

Illi fit-23 ta` Lulju, 1979, huwa gie mpjegat mac-Civil fuq bazi permanenti u baqa` minn dak iz-zmien `il hawn sal-lum il-gurnata stess dejjem jahdem fil-Qrati;

Illi mill-1 ta` Awissu, 1980, huwa nghata l-hatra ta` Machine Operator 1 fil-Qrati tal-Gustizzja u fil-25 ta` Jannar, 1993, huwa nghata l-hatra ta` Machine Operator  II fil-Qrati tal-Gustizzja, kariga li ghadu jokkupa sal-lum il-gurnata;

Tul dan iz-zmien kollu u cioe` mid-9 ta` Awissu, 1978 sal-lum dejjem baqa` jahdem fil-Qrati izda , minkejja li kellu karigi ta` Labourer Group A, Machine Operator I u Machine Operator II, huwa dejjem hadem f`xoghol ta` natura amministrattiva li huwa ferm aktar oghla mid-doveri li huwa suppost li jaghmel, izda peress li l-amministarazzjoni tal-Qorti sabitu dejjem tajjeb ghal dan ix-xoghol, kien qieghed jigi mitlub li jaqdi dmirijiet li jeccedu l-gradi li kellu;

Illi tul dan iz-zmien huwa qeda s-segwenti dmirijiet:

1. Cash Office: Huwa hadem u organizza l-Cash Office, Kien Jaghmel ir-retur of Arrears, jiffalja l-petizzjonijiet, li jsiru lill-President ta` Malta ghall-mahfra ta` multa, jimmanigga l-flus, kotba ta` l-accounts, ihallas lix-xhieda u jiehu hsieb il-hrug ta` mandati. Minn LM 30,000 kemm kien ilu nkarigat mill-Cash Office, mill-gbir tal-multi, id-dhul tela` ghal LM100,000 fis-sena. Bizzejjed li wiehed jara r-return ta` l-arretrati bejn il-1978 u l-1985. Illum il-gurnata fil-Cash Office hemm Administrative Officer u tliet clerks filwaqt li gie kkrejat ir-Revenue office li fih seba` impjegati. Huwa kien jidher f`isem ir-Registratur fil-kawzi kriminali tal-multi, cash by installments.

Huwa kien talab fl-20 ta` Gunju, 1984, li jinghata l-extended scale ta` tliet increments fuq il-massimu tal-paga izda baqa` minghajr twegiba.

2. Qorti ta` Revizzjoni ta` l-Atti Notarili : Hadem fil-Qorti ta` Revizzjoni tal-Atti Notarili. Kien jiehu hsieb ir-rikorsi ta` meta nutar isiefer, ir-rikorsi tal-korrezzjoni ta` l-isem kif ukoll l-atti nutarili inter vivos u causa mortis li jigu pprezentati f`dik il-Qort. Illum il-gurnata hemm executive Officer li tiehu hsieb wahedha dan ix-xoghol kollu.

3. Amministrazzjoni : Minn Mejju, 1989 `il quddiem, kien addett mal-Assistent Registratur tal-Qrati, is-Sur Carmel J. Esposito, fis-Section tal-Administration. Apparti milli kien Assistent Registratur tal-Qrati s-sur Esposito kien ukoll inkarigat mill-amministrazzjoni tal-qorti. Fost affarijiet ohra kien jiehu hsieb minn dawn l-affarijiet :-

- jirregistra l-kumiplazzjonijiet li jigu pprezentati l-Qorti;
- jipprepara r-requests ghal-leave tal-magistrati u l-korrispondenza ghall-approvazzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja
- jiehu hsieb l-attendance sheets;
- kien izomm kuntatt knotinwu mal-Magistrati, mal-Ispetturi tal-Pulizija, u ma` l-Avukat Generali dwar il-kawzi ta` natura kriminali.

B`mod generali, kien jassisti lill-Assistent Registratur fil-qadi tad-dmirijiet tieghu.

4. Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta): Sal-20 ta` Marzu, 1997, huwa kien jiehu hsieb l-movimenti ta` l-atti kollha li jmorru lejn u li jigu minghan l-Avukat Generali. Dawn l-atti jikkonsisti f`rinviji, kumpilazzjonijiet, rikorsi, processi verbali bin-noti ta` l-Avukat Generali, processi, verbali rinvjati, appelli, rinviji tal-Pulizija, rapporti ta` l-Ispetturi u rapporti b`referenza ghar-rapport originali, il-Gazzetta tal-Gvern, twahhil tac-cirkularijiet man-Notice Boards tal-Qrati, l-staionery, il-prorogi tal-kumpilazzjoni kif ukoll ir-registru ta` l-istess prorogi, it-tqassim tal-Watch Duty Roster tal-Magistrati, il-Permessi tal-Habs, l-indicjar tas-sekwestri, tal-Prorogi u tal-Kontro-Mandati u jirrispondi ghall-queries li jsiru mieghu dwar is-sekwestri u dan sabiex ikunu jistghu jigu zbankati c-cedoli tal-liberta` provvisorja u cedoli ta` depozitu fis-Section tas-Subbasti.

Kien hemm kazijiet ukoll fejn huwa kien jidher quddiem l-Imhallef fil-Qorti Kriminali fil-gurijiet biex jixhed dwar ix-xoghol tieghu fl-appelli, kriminali, u dejjem in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati.

5. Xoghol attwali : Fil-21 ta` April, 1987, huwa mar fis-Section tas-Subbasti fejn attwalment qieghed jifforma parti minnha dejjem fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza Civili taghha.

Illi kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma` dan ir-rikors, ir-rikorrent dejjem qeda dmiru bl-ahjar abilita` tieghu u ghas-sodisfazzjoni tas-superjuri tieghu tant li huwa dejjem inghata rakkomandazzjonijiet pozittivi kif ukoll inkitbu rapporti dwaru fejn ix-xoghol tieghu dejjem gie mfahhar;

Illi l-efficjenza tieghu f`xoghol li huwa over and above id-dmirijiet tieghu qatt ma giet ippremjata u dan minkejj li tul dan iz-zmien kollu u cioe` mill-1978 sal-lum huwa dejjem baqa` jaghmel ix-xoghol fuq imsemmi;

Illi huwa gab biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta` kull xhud dawk il-fatti r-rikorrenti kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma` u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta` l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi huwa jinghata grad aktar gholi ghad-dmirijiet li qeda tul dan iz-zmien

kollu li, kif inghad, huma ferm aktar gholjin mill-kariga tieghu, jew inkell jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f`ammont ta` hamest elef Lira Maltija.

Ra l-lista tax-xhieda esebiti mir-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Qrati li biha eccepixxa illi b`riferenza ghar-rikors ta` Saviour Fenech quddiem dan it-Tribunal, l-intimat Direttur Generali tal-Qrati gibed l-attenzjoni tat-Tribunal ghall-fatt illi l-meritu tar-rikors tar-rikorrent gie ezawrit bid-decizjoni li nghatat fis-26 ta` Awissu, 1993 mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta` l-Ingustizzji, liema rakkomandazzjoni kienet giet accettata mill-Prim`Ministru ta` dak iz-zmien;

Ghaldaqstant it-Tribunal kellu jiddikjara l-ilment tar-rikorrent bhala mhux proponibbli.

Illi t-Tribunal ordna l-allegazzjoni tal-process quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u d-Direttur Generali tal-Qrati iddikjara li l-ilment tar-rikorrent quddiem il-Kummissjoni ma kienx maghmul fuq l-istess meritu ghall-ilment odjern, u irtira l-eccezzjoni preliminari.

Ra id-dikjarazzjoni ta' Dr Aquilina ghall-intimat li biha iddikjara li qabel mall-fatti imsemmija fir-rikors.

Ra il-verbal tal-P.L. Mifsud Bonnici ghar-rikorrent li talab li fl-ahhar paragrafu fejn hemm li bhala rimedju li r-rikorrent jinghata grad aktar gholi, jigi rtirat u li f'kaz li t-Tribunal isib li t-talba kif modifikata hija gustifikata jikkonsidra l-kumpens fi hlas finanzjarju. Dr Aquilina ipprezenta nota li fiha indika l-ammont fi flus li r-rikorrenti kien jiehu aktar li kieku kien moghti l-promozzjoni. Dan kien jiehu aktar is-somma ta' LM4203 fil-kaz ta' Court Recorder in Charge, LM5886 fil-kaz ta' Assistant Administrative Officer, u LM8914 li kieku kellu r-rank ta' Administrative Officer.

Dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrent hi gustifikata ghax kienet saret mieghu ingustizzja li dejjem ghamel xoghol ghal snin shah ta' kariga aktar gholja minn dik li kellu, u li xorta wahda ma thallasx taghha u ma haxx il-promozzjoni li tisthoqlu - Ara referenzi favorevoli. Issa dwar il-promozzjoni r-rikorrent stess irtira l-istess talba izda zamm ferma it-talba ghall-kumpens finanzjarju. Dan it-tribunal pero' jhoss li hi gustifikata talba ghad-differenza ta' grad wiehed u cioe' dik ghal ta' Court recorder in charge.

Ghalhekk it-Tribunal jordna li r-rikorrenti jinghata s-somma ta' erba' telef mitejn u tliet liri maltin [LM4203]. Spejjez kontra l-intimat.